MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2003

Numru 138/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur David Saliba)**

**vs**

**Robert Farrugia**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi kontra l-imputat Robert Farrugia ta’ 32 sena bin Joseph u Angela nee’ Falzon imwieled Pieta’ fil-31 ta’ Marzu, 1970 u residenti ‘Sweetheart’, Wesgha F. Bugeja, Zurrieq detentur ta’ karta ta’ identita numru 159170(m) akkuzat talli:

fix-xhur ta’ qabel il-21 ta’ Novembru 2002 matul il-gurnata gewwa l-Pieta’ xjentement laqgha ghandu jew xtara hwejjeg misruqa u cioe camera tar-ritratti tal-bahar li l-valur ta’ dan l-oggett jeccedi aktar minn Lm100 izda

anqas minn Lm1000 liema oggett kien mehud b'qerq jew akkwistat b'reat sew jekk dan sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament mhux opposta.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat f'liema ammissjoni hu ippersista anke waqt li l-Qorti tahtu zmien jahsibha.

Rat l-atti.

Ikkonsidrat:

Stante l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tal-imputat issibu hati tal-akkuzi kontrih dedotti.

Rat l-artikolu 334 tal-Kap 9. Tpoggih taht ordni ta' probation ghall-zmien 3 snin millum taht l-Artikolu 20 tal-Kap 446.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------